**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU DISGĦA U GĦOXRIN**

**13 ta' AWWISSU, 2012**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**29.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

29.1.1 Il-Minuti tas-seduta numru 28 ġew approvati.

***29.2*** ***Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

29.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fir-rigward ta' punt 28.2.1 l-istatwa ta' Santa Marija fil-Pjazza ta' Bubaqra diġa qed jitqaxxrilha ż-żebgħa li sarilha.

Il-Kumitat Amministrattiv reġa talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tikteb lill-perit biex jagħti lill-Kumitat ir-rapport li kien għamel ir-restawratur. Il-Kumitat qabel ukoll li tinkiteb ittra lill-Perit Bezzina fejn jinfurmah li l-istatwa qed jitarfrilha l-materjal li fiha – dan f'inqas minn sena minn mindu sar ix-xogħol u jitlob spjegazzjoni ta' dan.

29.2.2 Fir-rigward ta’ punt 28.2.3 inġibdet l-attenzjoni li l-pulizija telgħu fuq il-post li indikalhom il-Kumitat Amministrattiv.

29.2.3 Inġibdet l-attenzjoni li fi Triq Sant Agatha twaħħlet tabella li tindika li t-triq hi ‘one way except for residents’ minħabba li Triq Santa Klementina ser issir bit-tarmak. Din it-tabella twaħħlet mit-TM – hekk kif isir qabel ma jibda kull proġett, imma twaħħlet ħafna qabel it-triq li ser isirilha xogħol fiha. Kien hemm qbil li jiġu nfurmati t-TM biex iressqu tali tabella.

29.2.4 Fir-rigward ta’ punt 28.3.4 il-Viċi Chairperson Maria Schembri infurmat lill-membri preżenti li hi tkellmet ma’ sid l-art u min-naħa tiegħu mhux lest li jnaddafha qabel ma jitħallas mill-Gvern għaliha.

Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ma jistax inaddaf artijiet tal-privat.

## *29.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson*

29.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li minn informazzjoni li għandu, art fi Triq G M Callus k/m Triq Fra Gan Mari Zammit hi tal-Gvern u għalhekk issuġġerixxa biex il-Kumitat Amministrattiv jitlob għal devoluzzjoni/*encrochment* tagħha biex ikun jista jiżviluppha fi playingfield. Hu żied jissuġġerixxi biex il-Kumitat inaddaf din l-art biex tnaqqas l-inkonvenjent tal-ħmieġ li fiha.

Il-membru Joseph D’Amato ma qabilx li l-Kumitat Amministrattiv għandu jnaddaf l-art fuq il-prinċipju li ġaladarba dan mhux kompitu tal-Kumitat li jagħmlu m’għandux jagħmlu.

Kien hemm qbil li jitqabbdu l-ħaddiema tal-ETC/IPSL assenjanti mal-Kunsill biex inaddfu l-parti ta’ barra tal-art fejn suppost hemm il-bankina u ssir talba lid-dipartiment kkonċernati biex inaddfu u jipoġġu l-valenu tal-ġrieden biex jonqos l-inkonvenjent.

29.3.2 Il-membru Joseph Caruana talab biex tal-inqas darba fil-ġimgħa l-ħaddiema tal-ETC/IPSL jgħatu ġurnata xogħol f'Bubaqra. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tressaq tali talba fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

***29.4 Toroq f'Bubaqra***

29.4.1 Iċ-Chairperson informa lil dawk preżenti li t-toroq Goswalda Calleja u Dun Nard Mallia tlestew u ġew jiswew €17, 315.58 u €68,841 rispettivament. Fadal kont żgħir għal Triq Dun Nard Mallia biex ikun finalizzat it-total finali.

Kien hemm qbil li jiġu ordnti stop markings/signs fi Triq Dun Nard Mallia u oħra fi Triq G M Callus.

Il-membru Joseph Caruana ssuġġerixxa li tintbagħat reminder lill-Perit Graziella Galea mit-TM biex isiru l-marki tat-totoq fi Triq San Martin li għamlet l-istess TM.

29.4.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn tinkiteb ittra ukoll lill-Perit Graziella Galea fuq ix-xogħol wieqaf fi Triq Maria Farrug. Dan ix-xogħol ilu wieqaf ix-xhur bil-konsegwenza li r-residenti ma jistgħux jidħlu fil-garaxxijiet tagħhom. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra biex tittieħed azzjoni mmedjata qabel jibda l-maltemp sabiex tal-inqas ir-residenti jkollhom aċċess għall-garaxxijiet tagħhom.

***29.5 Bring In Sites***

29.5.1 Iċ-Chairperson qal li hemm bżonn li jinġabru aktar kwotazzjonijiet fuq CCTV biex jiġu nstallati fejn il-Bring in Sites, minħabba li dik li diġa għandu l-Kumitat Amministrattiv hi ogħlja wisq fil-prezz. Hu ssuġġerixxa li

sakemm il-kumitat jiddeċiedi fuq is-CCTV il-kumitat jordna żewġ tabelli bil-pole biex jitwaħħlu fejn il-Bring in Sites.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

### *29.6 Ilmenti*

29.6.1 Il-membru Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li jkunu estiżi l-linji sofor li hemm faċċata ta' garaxx biswiet dar 'Mirea' fi Triq il-Luq dan minħabba li r-resident ma jistax joħroġ mill-garaxx tiegħu. Hu ssuggerixxa ukoll li jsiru double yellow lines fil-kantuniera ta' Triq il-Luq ma' Triq ir-Rettur minħabba li tħassru.

Kien hemm qbil li x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-ETC/IPSL assenjati mal-Kunsill.

29.6.2 Kien hemm qbil li minħabba li l-ġemb tal-kappella ta' Sant Agatha kull darba qed jintlaqat mill-vetturi kbar, isiru żewġ bollards ħomor eżatt fil-ġemb tal-kappella b'tali mod li t-triq ma tidjieqx.

29.6.3 Il-membru Joseph D'Amato qal li fi Triq il-Luq hemm boundary wall li kien qed jintuża sakemm kien qed isir bini ta' blokka ta' flats u dan tħalla fil-post anke issa li x-xogħol tlesta. Kien hemm qbil li jiġi nfurmat is-sid biex ineħħieh.

29.6.4 Iċ-Chairperson issuġġerixxa biex jiġi kkuntatjat il-Perit Lewis sabiex ifassal *raised roundabout* fi Triq Zakkarija Ronkali viċin Triq G M Callus ħalli tkun tista titressaq għall-approvazzjoni tat-TM. Kien hemm qbil fuq dan.

29.6.5 Iċ-Chairperson issuġġerixxa biex jitqabbad il-Perit Lewis sabiex isib soluzzjoni għall-għargħar li jkun hemm fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin u meta jitla' fuq il-post jiġu nfurmati l-membri kollha tal-Kumitat ħalli min irid jagħmel konoxxenza mal-Perit.

29.6.6 Il-membru Annetto Bugeja qal li sid il-palazz

tal-Misraħ Santa Marija qed jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fil-faċċata tal-palazz.

29.6.7 Il-membru Annetto Bugeja poġġa fuq il-mejda ritratti li juri d-deterjorazzjoni tal-imtali ta' Bubaqra. Hu qal li aktar kemm jagħddi żmien aktar qed jiddeterjoraw u qed issir aktar diffiċli biex timxi fuqhom. Kien hemm qbil li tintalab l-għajnuna tal-Prim Ministru u l-Ministri Pullicino u De Marco, flimkien mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali minħabba li l-Kumitat Amministrattiv m'għandux fondi biex jagħmel tali manutenzjoni.

29.6.8 Il-membru Annetto Bugeja qal li fi Triq l-Arcipriet E Mifsud qed ikun hemm persuni li jsuqu ż-żwiemel, dan kollu qed jagħmel ħsara lit-tarmak tat-triq barra l-ħmieġ li jħallu warajhom. Kien hemm qbil li jittieħdu ritratti u jiġu mibgħuta lill-pulizija biex tieħu l-passi neċessarji.

29.6.9 Il-membru Joseph Caruana qal li l-ħajt li jdawwar it-torri ta' Bubaqra qed jiżżaqqaq bil-konsegwenza li jista jkun ta' periklu kemm għal min jagħddi minn ħdejh u kemm għall-vetturi.
Kien hemm qbil li jiġu nfurmati l-pulizija bil-każ.

29.6.10 Kien hemm qbil li ssir ordni biex il-Perit Lewis jiġi fuq il-post biex jara jsolviex il-problema li hemm fi Vjal l-Indipendenza kantuniera ma' Triq San Martin, minħabba l-għargħar li jkun hemm fix-xita. Kien hemm qbil li meta jkun iffissat l-appuntament jiġi infurmat il-Kumitat Amministrattiv kollu biex min irid ikun jista jagħmel konoxxenza miegħu.

29.6.11 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li l-kollettur tal-iskart qiegħed igeddes l-iskart sa minn siegħat qabel ma jinġabar l-iskart. Dan qed ikun ta' inkonvenjent kbir għar-residenti minħabba li l-qtates qed jiftħu l-boroż u l-kollettur mhux qed jiġbor l-iskart li jitferrex. Din il-ħaġa hi kontradittorja meta tqis li l-Kunsill dejjem javża biex ir-residenti jħallu l-iskart tagħhom wara r-residenza tagħhom u jkun il-kuntrattur stess li jgeddes. Meta residenti joħorġu l-iskart wara l-bieb

taghhom, wara li jkun ġie mgeddes, l-iskart jibqa wara biebhom u ma jinġabarx. Hi żieded tgħid li dan l-aġir mhux aċċettabli u għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Kunsill u tal-kuntrattur.

29.6.12 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri staqsiet jekk il-Kunsill ħax xi risposta fuq l-ilment li għamel lill-pulizija fejn jirrigwardja qtugħ ta' weraq tal-palm mingħajr il-permess tal-Kunsill/Kumitat Amministrattiv.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser terġgħa tiġbed l-attenzjoni tal-pulizija fir-rigward.

29.6.13 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li t-tarmak minn Triq Kalang Bugeja diġa beda jinqala' partijiet minnu.
Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jerġa jikteb lill-Perit Grazziella Galea u jitlobha appuntament fuq il-post biex jiġi diskuss dan l-ilment.

***29.4 Appuntament għas-seduta li jmiss***

29.4.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 24 ta' Settembru, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

29.4.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-7.25 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' SETTEMBRU, 2012.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**